# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sbatax (17) ta' Mejju 2018**

**- Sentenza finali -**

**Rikors Numru 132/13 FDP**

**Olaf Zahra bhala mandatarju specjali tal-assenti Stephanie Ceccato (ID 203368M)**

**vs**

**Minding International Limited (C 28005)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur originalment ippresentat fit-8 ta' Awissu 2012 permezz ta' Avviz Nru 274/12 fl-ismijiet fuq indikati, fejn ir-rikorrent, bhala mandatarju specjali ta' Stephanie Ceccato, talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta attrici thallas is-somma bilancali ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghein Euro, liema somma hija dovuta in kwantu ghal hamest elef, tmien mija u tnejn u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€5,822.50) rappresentanti arretrati ta' salarji dovuti lill-attrici inkluc spejjez ta' biljetti tal-ajru u spejjez ulterjuri, w il-bilanc ta' hamest elef, tmien mija u tnejn u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€5,822.50) bhala parti mis-somma tal-kors tal-MBA li ghamlet l-attrici fuq talba tas-socjeta intimata u li l-istess socjeta intimata weghdet illi kienet ser thallas.

Rat illi fil-5 ta' Frar 2013, il-Qorti, wara illi rat illi s-socjeta intimata ma rrispondietx ghal kawza, ghaddiet biex laqghat it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur u tat-sentenza.

Rat illi fit-3 ta' Mejju 2013, permezz tal-proceduri odjerni, is-socjeta intimata, Minding International Limited, talbet ir-ritrattazzjoni abbazi tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi n-notifika ma saritx skond kif irid l-Artikolu 187 (4) u (6) tal-Kap 12.

Rat illi fit-22 ta' Jannar 2014, il-Qorti, diversament ippresejduta, laqghet it-talba ta' ritrattazzjoni u ghalhekk hassret d-decizjoni taghha tal-5 ta' Frar 2013 u ordnat illi l-kawza terggha tibda tinstema mill-gdid, quddiem Qorti diversament ippresjeduta.

Rat illi fid-19 ta' Mejju 2014, wara illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, hadet konjizzjoni tal-kaz, awtorizzat lis-socjeta intimata tippresenta l-eccezzjonijiet taghha.

Rat l-eccezzjonjiet tas-socjeta intimata ippresentati fl-4 ta' Gunju 2014 fejn laqghet ghal dak mitlub billi, preliminarjament, eccepiet illi l-azzjoni odjerna kienet preskritta abbazi tal-Artikolu 2147 (a) u (c) kif ukoll l-Artikolu 2148 (c) u (d) tal-Kap 16. Fil-meritu, imbghad, is-socjeta intimata eccepiet illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u l-ammont rikjest ma huwiex dovut stante illi ma hemm ebda ftehim bejn il-partijiet.

Rat illi fid-9 ta' Gunju 2014 il-Qorti ordnat illi jingabru l-provi dwar l-ewwel eccezzjoni imqajjma mis-socjeta intimata.

Rat illi fit-2 ta' Marzu 2015 is-socjeta intimata ippresentat sottomissjonijet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni flok provi.

Rat illi fit-22 ta' April 2015 is-socjeta intimata ippresentat l-affidavit ta' **Daniela Bartoli**.

Rat illi fit-23 ta' April 2015 is-socjeta intimata ddikjarat illi ma kellhiex provi x'tippresenta dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-affidavit ta' **Stephanie Ceccato** ippresentat fit 13 ta' Lulju 2015.

Semghet il-kontro ezami ta' Stephanie Ceccato illi saret fis 26 ta' Ottubru 2015.

Rat illi fis 26 ta' Ottubru 2015 il-kawza giet differita ghall-presentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat illi fl-4 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrenti ippresentat s-sottomissjonijiet taghha.

Rat illi fis 16 ta' Frar 2016, is-socjeta intimata in-nota ta' sottomissjonijet ulterjuri taghha.

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2016 l-eccezzjoni preliminari ta’ preskrizzjoni imqajjma mis-socjeta intimata giet michuda w l-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat illi fit-18 ta’ Marzu 2016 is-socjeta intimata talbet permess sabiex tappella minn tali decizjoni, liema talba giet michuda fit-23 ta’ Marzu 2016.

Rat illi bejn it-2 ta’ Mejju 2016 u is-27 ta’ Marzu 2017 saru sitt seduti sabiex tixhed Daniela Bartoli, rappresentanta tas-socjeta intimata Minding International Limited, izda tali xhieda ma ingabietx.

Semghet, finalment, ix-xhieda ta’ **Daniela Bartoli**, moghtija fid-29 ta’ Mejju 2017 in ezami u kontro ezami u rat id-dokumentazzjoni murija lilha waqt il-kontro ezami taghha.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Stephanie Ceccato moghtija fit-23 ta’ Novembru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **David Pace**, Accountant u Awditur tas-socjeta intimata Minding International Limited, moghtija fit-22 ta' Jannar 2018 u fit 8 ta' Frar 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit-8 ta' Frar 2018 il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw u li l-kawza setghet tithalla ghat-trattazzjoni finali.

Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-23 ta' April 2018, wara liema data il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti Stephanie Ceccato, illi ghaliha deher bhala mandatarju specjali Olaf Zahra meta giet intavolata l-procedura odjerna fit-8 ta' Awissu 2012, kienet impjegata mas-socjeta intimata Minding International Limited, u dana bhala Marketing Manager.

Jirrizulta illi r-rikorrenti kienet ilha impjegata ma' tali socjeta mis-sena 2003 u baqghet tahdem hemm sa l-ahhar ta' Dicembru 2011, meta tat in-"*notice*" ta' xahar stabbilit fil-Ligi, u waqqfet tahdem.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata Minding International Limited kienet kumpannija ta' Daniela Bartoli izda amministrata mir-rikorrenti Stephanie Ceccato.

Jirrizulta illi fis-sena 2011, is-socjeta Minding International Limited bdiet tiffaccja problemi varji u, sa minn April ta' dik is-sena, ir-rikorrenti ma kienetx qed tithallas il-paga taghha, liema fatt, fost affarjiet ohra, wasslet lir-rikorrenti sabiex tittermina l-impjieg taghha.

Jirrizulta illi, sussegwentment, wara illi tterminat l-impjieg taghha, ir-rikorrenti, fil-bidu tas-sena 2012, thallset dak dovut lilha sa' Novembru 2011, izda ma thallsietx ghax-xahar ta' Dicembru 2011, fejn hija kienet qieghda tahdem bin-'*notice'*, liema paga lilha dovuta kienet tammonta ghal €3,057.55, kif jidher fil-payslip minnha prodotta a fol 99 tal-process, Dok SC1, u kkonfermata mill-Accountant tas-socjeta intimata, David Pace, fix-xhieda tieghu.

Jirrizulta illi r-rappresentant tas-socjeta intimata, Daniela Bartoli, fix-xhieda taghha moghtija fid 29 ta' Mejju 2017, stqarret illi kien possibbli li l-paga ghax-xahar ta' Dicembru 2011 kien ghadu dovut. (fol 193).

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti, fix-xhieda taghha, sahqet illi, apparti l-paga dovuta lilha, kien hemm pagamenti ohra dovuti lilha, kif jidher fid-dokument minnha redatt a pagna 133 tal-process (Dok SC10).

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrenti stqarret li kien hemm erba pagamenti ohra lilha dovuti, u dawna kienu is-segwenti:

- l-ammont ta' €1,109.26 bhala spejjez minnha inkorsi fix-xoghol taghha skond ricevuti esebiti;

- l-ammont ta' €75 bhala 'Bank Charges' minnha inkorsi in vista tal-fatt illi ma kienetx qed tithallas;
- l-ammont ta' €565.95 rappresentanti spejjez minnha inkorsi sabiex tinzel Malta darbtejn sabiex tipprova ssolvi l-problemi illi kellha mas-socjeta intimata
- l-ammont ta' €11,613.50 rappresentanti '*tuition fees*' ghal course ta' MBA illi r-rikorrenti ghamlet u li, skond ir-rikorrent, s-socjeta intimata kellha thallas ghaliha.

Jirrizulta illi, ghalkemm it-total ta' dawna l-ammonti kollha flimkien mas-salarju dovut jammonta ghal €16,421.26, ir-rikorrenti kienet qieghda tirriduci l-ammont mitlub ghall €11,645.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, fix-xhieda taghha dwar tali spejjez, Daniela Bartoli stqarret illi filwaqt li l-ispejjez tal-bank kienu accettabbli, l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti ghax-xoghol tas-socjeta intimata setghu kienu eccessivi ghalkemm kienu fil-limiti ta' l-ispejjez illi kienu regolarment jithallsu lir-rikorrent mill-accountant tas-socjeta intimata.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-istess Daniela Bartoli tikkontesta l-kontijiet tat-titjiriet lejn Malta, fejn sahqet illi r-rikorrenti ma kellhiex bzonn tinzel Malta, filwaqt illi tichad kategorikament illi s-socjeta intimata kellha thallas it-'tuition fees' ghall-MBA tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti esebiet il-Qorti dokument fotostatiku u mhux facilment legibbli ta' iskrizzjoni fl-Istitut Superieur de Marketing de Luxe li jidher illi gie ffirmat mir-rikorrenti fis-26 ta' April 2011. (Dok SC8 – fol 130)

Jirrizulta illi tali dokument ghandu, fuq in-naha t'isfel tal-lemin tieghu, timbru tas-socjeta Minding International Limited, izda ma jidhrix illi hemm firma tar-rappresentant tas-socjeta intimata fuqu, ghalkemm ir-rikorrenti tishaq illi hemm il-firma ta' Daniela Bartoli taht tali timbru.

Jirrizulta illi Bartoli tikkontendi, kif anke tikkonferma l-istess rikorrenti fix-xhieda taghha, illi r-rikorrenti kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpannija intimata, bir-rizultat illi, skond Bartoli, ma kienx minnu illi s-socjeta intimata kienet obbligat ruhha li thallas it-'*tuition fees*' kollha tar-rikorrenti, izda kienet biss offriet illi tghinnha billi thallsilha d-deposit ta' €2,000, u t-timbur saar mir-rikorrenti.

Jirrizulta, illi r-rikorrenti, mill-banda l-ohra, tishaq illi s-socjeta intimata kienet ghazlet l-iskola fejn kellha tattendi r-rikorrenti u kienet qabblet illi thallas dawna t-tuition fees bil-kundizzjoni illi r-rikorrenti tibqa tahdem mas-socjeta intimata ghal periodu ta' zmien, u dana kif ikkonfermat ir-rikorrenti stess (fol 248).

Jirrizulta, madanakollu, mill-provi kollha prodotti, illi r-rikorrenti temmet l-impjieg taghha f'Dicembru 2011 u, wara illi eventwalment ghamlet il-kors kollu tal-MBA, hija qatt ma rritornat tahdem mas-socjeta intimata.

Jirrizulta, ghalhekk, illi anke kieku wiehed seta ipotetikament jasal ghal konkluzjoni illi t-timbru tas-socjeta intimata fuq il-parti ta' isfel ta' l-applikazzjoni b'firma illi ma tidhirx kienet attwalment

indikazzjoni tal-fatt illi l-istess socjeta intimata dahhlet fi ftehim mar-rikorrenti li thallsilha t-'tuition fees' kollha, jidher car illi r-rikorrenti ma onoratx il-parti taghha tal-ftehim stante illi ma baqghetx tahdem mas-socjeta intimata u, anzi, telqet hekk bdiet il-course wara illi s-socjeta intimata kienet hallset id-deposit ta' €2,000 fit 18 ta' Novembru 2011, jigifieri wara illi r-rikorrenti kienet tat in-'*notice*' illi kienet ser tieqaf mill-impjieg taghha.

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-verzjoni tal-fatti tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda t-'*tuition fees*' ma hijiex daqstant verosimili, peress illi certament ebda socjeta kummercjali kienet ser tiftiehem illi thallas ghall-'*tuition fees*' ammontanti aktar minn €13,000 u sussegwetement thallas id-deposit ghal tali 'course' **wara** li l-impjegata tgharrafha li ser titlaq.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, finalment, illi r-rikorrenti ikkonfermat illi l-ispejjez tal-vjaggi minnha indikati fl-ammont ta' €565.95 kienu minnha inkorsi sabiex tinzel Malta biex tiddiksuti l-kaz taghha mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ma kellha ebda relevanza max-xoghol minnha maghmul ghas-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha kif prodotti, johrog car illi s-salarju ghax-xahar ta' Dicembru 2011 fl-ammont ta' €3,057.55 huwa dovut lir-rikorrenti, kif ukoll l-ispejjez minnha inkorsi f'xogholha fl-ammont ta' €1,109.26 u l-ispejjez tal-bank fl-ammont ta' €75.

Mill-istess provi, mill-banda l-ohra, jirrizulta car illi l-ispejjez relatati mat-'*tuition fees*' tal-Istitut Superieur de Marketing de Luxe ma humiex dovuti mis-socjeta intimata, kemm ghax ma hemm ebda prova ta' tali obligazzjoni kif ukoll ghax ir-rikorrent temmet l-impjieg taghha mas-socjeta intimata hekk kif bdiet il-'*course*'.

Jirrizulta car ukoll illi l-ispejjez tas-safar tar-rikorrenti lejn Malta ma kellhom ebda konnessjoni max-xoghol tar-rikorrenti mas-socjeta intimata izda kienu spejjez minnha inkorsi biex tigi Malta u tiddiskuti l-problemi illi kellha mas-socjeta intimata ma l-awtoritajiet lokali, liema diskussjonijet hija setghet facilment taghmel direttament minn fejn kienet tghix barra minn Malta.

Ghalhekk, mill-provi kollha, jidher illi s-socjeta intimata hija debitrici lejn ir-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' erbat elef, mitejn u wiehed u erbghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€4,241.81)

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha mressqa quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Filwaqt illi tinnota illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata gia giet michuda permezz ta' sentenza parzjali ta' dina l-Qorti moghtija fit-23 ta' Marzu 2016,

**Tichad** l-eccezzjonjiet l-ohra imqajjma mis-socjeta intimata, u

**Tilqa** t-talba rikorrenti limitatament fis-sens illi,

**Tiddikjara** illi s-socjeta intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u wiehed u erbghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€4,241.81) rappresentanti salarju dovut kif ukoll spejjez inkorsi u '*bank charges*', kif ahjar deskritti aktar 'l fuq, u ghalhekk,

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' **erbat elef, mitejn u wiehed u erbghin Euro u wiehed u tmenin centezmu** (€4,241.81).

Spejjez tal-proceduri odjerni kollha u imghax mit-8 ta' Awissu 2012 sad-data tal-pagament effettiv ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur